**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 567 / 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**
**Vs**
**Steven Francis Haston**

Illum 27 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Steven Francis Haston, iben Stanley u Theresa nee' Farrugia, imwieled UK nhar it-12 ta' Mejju, 1957, residenti Razzett l-Għawdxija, Sqaq Wied l-Għawdxija, Triq il-Munxar, Munxar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 579418 (L), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli nhar il-21 t' Ottubru, 2020, għall-ħabta ta' 15.30hrs fl-inħawi rurali bejn il-Fonda tal-Margun u Wied il-Mielaħ limiti tal-Għasri, Għawdex;

1. Bi ħsara tas-sid jew detentur għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' ħaddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ħebb kontra l-persuna ta' Manwel Billy Debattista ID: 369694 M, bil-ħsieb li jweġġgħu jew jagħmillu ħsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ikkaġuna ġriehi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Manwel Billy Debattista ID: 369694 M skont kif ġie ċċertifikat mit-Tabib Dr. James Sammut MD tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, taħseb għas-sigurta' ta' Manwel Billy Debattista ID: 369694 M u tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 ta' Gunju, 2021, fejn il-Qorti mhux issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha illiberatu, u wara li rat artikoli 340 (d), 339 (d) u 221 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabithu ħati tal-ewwel, tat-tielet u r-raba' imputazzjoni u ikkundannatu multa komplessiva ta' mitejn ewro (€200).

U wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tassigura li jiġi mħares l-ordni pubbliku u s-sigurta' ta' Manwel Billy Debattista poġġiet lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu nnifsu għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elfejn ewro (€2,000).

Il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manwel Billy Debattista** deċiża llum, fejn għamlitha ċara mal-Prosekuzzjoni biex ma ċċedi għall-ebda pressjoni li tista' ssirilha la mill-Ambjentalisti u lanqas mill-Kaċċaturi f'ħidmiethom, liema ħidma għandha dejjem tkun biex tkun imħarsa s-socjeta' Maltija u fejn ikun hemm l-abbuż jittieħdu passi.

Passi għandhom jittieħdu mhux għax ikun hemm xi pressjoni minn xi ħadd fil-pubbliku jew xi id moħbija iżda għaliex hekk hu ġust f'pajjiż li jitmexxa skont is-saltna tad-dritt u mhux bil-preġudizzju, intix Malti jew barrani, ħadd m'hu 'il fuq mill-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Steven Francis Haston, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Gunju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi <u>l-ewwel aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati injorat ghal kollox id-difizi migjuba mill-esponent ghall-ewwel imputazzjoni, cioè dik ta' vjolazzjoni ta' proprjetà kontemplata fl-artikolu 340 (*d*) tal-Kodici Kriminali.

Illi f'pagni 25 u 26 tas-sentenza appellata, a parti l-kwistjoni tal-kelb li ser tigi trattata fit-tielet aggravju, il-Qorti rriteniet li kien l-esponent li mar fil-mansab ta' Debattista biex jikkustinja mieghu fuq il-*bird-callers*. Jekk ghall-grazzja ta' l-argument jigi koncess li l-esponent mar fil-mansab biex jargumenta fuq il-*bird-callers* – fatt minnu kontestat – tali agir huwa *toto caelo* rrilevanti ghas-soluzzjoni ta' vertenza dwar ir-reat ta' vjolazzjoni ta' proprjetà. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li f'socjetà demokratika b'nies civilizzati, l-argumenti jigu rizolti minghajr vjolenza verbali u fizika. Dan naturalment japplika wkoll meta l-persuna li taqla' l-argument tkun barranija. Is-soluzzjoni dwar jekk ir-reat ta' vjolazzjoni ta' proprjetà tirrizultax hija wahda prettament ta' natura legali li tipprexxindi mill-opinjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati dwar x'wassal ghall-incident meritu tal-kawza, dwar jekk kienx veru li l-kelb ta' l-esponent harabx u dwar il-kontenut tat-telefonata li biha saret id-denunzja lill-Pulizija

Ezekuttiva. Il-Qorti kellha zzomm f'mohha biss li l-esponent gie akkuzat talli, bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjetà ta' haddiehor u tezamina jekk gewx ippruvati l-elementi formali u materjali ta' dan ir-reat.

Illi ghall-finijiet ta' l-element formali, kif spjegat magistralment fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Mallia** [1], hu ormaj pacifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-gurisprudenza li ghall-imputabilità fil-kontravvenzjonijiet hu bizzejjed il-volontarjetà tal-fatt. Huwa bizzejjed, cioè, illi l-imputat kien kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza ta' l-illegittimità tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali. Dan ifisser li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni kellha tipprova – bl-evidenza u mhux bil-kongetturi – li l-esponent kien jaf li kien qed jidhol gewwa proprjetà privata.

Illi f'dan il-kaz l-esponent spjega li ma kellu ebda hsieb li jidhol gewwa proprjetà privata u spjega wkoll li l-art li kien dahal fiha sabiex ifittex il-kelb tieghu ma kien fiha ebda sinjali li kienet wahda privata – jekk hekk ghandha titqies – u, iktar importanti minn hekk, ma kienet bl-ebda mod recintata. Dan il-fatt gie ampjament konfermat mix-xhud tal-prosekuzzjoni Marcus Camilleri li qal darba darbtejn li ma kienx hemm kancelli u ma kien hemm xejn. Il-fatt li Debattista xehed li qal lill-esponent li l-art kienet privata izda dan ma riedx johrog – fatt dejjem kontestat bil-qawwa mill-istess esponent li beda' jersaq lura lejn it-triq hekk kif Debattista beda jsir aggressiv – huwa rrilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza ghaliex semmai dan sehh wara li kien dahal f'din l-art. Il-mument li kellha tezamina l-Qorti – kif fil-fatt ghamlet – kien dak meta l-esponent dahal f'din l-art ghaliex dak kien il-mument ta' l-allegata vjolazzjoni. U hawnhekk, nonostante provi skjaccanti li l-esponent mhux biss ma kienx jaf izda addirittura ma setghax ikun jaf li l-art kienet allegatament privata, il-Qorti tal-Magistrati kkongetturat element formali kontradett mir-rizultanzi fattwali.

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-24 ta' Frar, 1960 - Kollez XLIV.iv.818

Illi għalhekk, b'referenza għas-sentenza fuq citata, huwa straevidenti li l-esponent ma riedx il-fatt in kwantu, meta daħal fl-art, ma kienx jaf li dik kienet privata u hekk kif gie nfurmat minn Debattista b'mezzi xejn ortodossi beda jersaq lura tant li Marcus Camilleri sab lill-esponent iżomm lil Debattista ħdejn it-triq u diversi metri bogħod minn fejn bdiet l-alterkazzjoni. Dan ifisser li l-element formali – il-volontarjetà li tidħol f'art li taf li hija privata – huwa manifestament nieqes f'dan il-każ. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-errur huwa l-antitesi tal-volontarjetà.

Illi, kif gie gjà sottomess, il-Qorti tal-Maġistrati ħadet il-libertà, mingħajr is-sostenn tal-provi u kontra kull sens ta' loġika, li tikkongettura li l-esponent "*kien jaf tali proprjetà kienet qed tintuża u kienet fil-pussess ta' individwu u … ma kellu qatt jidħol go fiha mingħajr permess la kien jaf li ma hijiex tiegħu*". Qed jiġi reiterat li din hija asserzjoni gratuwita in kwantu ma jista' qatt jiġi dezunt li persuna li qed timxi fl-apert fuq art mhux recintata u fejn ma hemm ebda sinjal dwar in-natura privata ta' l-art għandha tassumi li l-art hija effettivament privata. L-asserzjonijiet gratuwiti li mhux biss ma jirriżultawx mill-provi iżda li jmorru kontra kull sens ta' loġika ma humiex leċiti.

Illi l-element materjali huwa wkoll manifestament nieqes f'dan il-każ. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Michael Gellel et[2], għall-finijiet tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 340 (*d*) tal-Kodiċi Kriminali trid tiġi pruvata ħsara kontra s-sid jew d-detentur tal-proprjetà, liema ħsara hu element rikjest mil-liġi sabiex tiġi integrata din il-kontravvenzjoni, u liema ħsara trid tkun materjali. L-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Edward Vassallo**[3], irriteniet li għall-finijiet ta' din il-kontravvenzjoni l-ħsara tad-detentur jew sid tal-proprjetà (naturalment relattiva għal proprjetà u mhux għal persuna) hi meħtieġa bħala element integrattiv (sottolinear ta' l-esponent). F'dan il-każ ma ġiet ippruvata ebda ħsara materjali fl-art jew fil-proprjetà li allegatament ġiet ivvjolata u, għal

[2] Deciża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 1975
[3] Deciża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Mejju, 1976

ragunijiet li jisfuggu lill-esponent, is-sottomissjonijiet relattivi gew kompletament injorati mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi, apparti minn hekk, ghandu bilfors jigi rilevat li sabiex tipprova t-"titolu" ta' Debattista, il-prosekuzzjoni pproduciet lix-xhud Emanuel Muscat. Dan ix-xhud esebixxa l-applikazzjoni ta' Debattista (Dok EM1), ir-registrazzjoni tal-mansab (Dok EM2) u *snapshot* mill-GIS tad-WBRU (Dok EM3). In kwantu li applikazzjoni, tkun xi tkun, ma taghti ebda "titolu" (Dok EM1) u ma huwiex qed jigi kontestat li l-incident sehh fis-sit indikat fil-pjanta (Dok EM3), id-dokument relevanti hu r-registrazzjoni tal-mansab (Dok EM2). Dan id-dokument, li jinsab *a fol* 30 ta' l-atti processwali, jghid hekk: "*Dan id-dokument huwa bbazat fuq dikjarazzjoni u ma jaghti ebda dritt legali fuq propjetà jew xi dritt ta' passagg. Ghal daqstant mhux validu f'kaz ta' kontestazzjoni fuq titli legali ta' l-art fil-Qrati ta' Malta*" (sottolinear ta' l-esponent). Huwa frankament assurd kif wiehed jargumenta li l-element rikjest mil-ligi – il-hsara tad-detentur jew sid tal-proprjetà – jista' jigi ppruvat permezz ta' dokument li espressament jeskludi li ssir prova permezz tieghu. Din is-sottomissjoni giet ukoll kompletament injorata mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, qed jigi wkoll rilevat li jekk il-fatti huma kif qed jigu prospettati mill-prosekuzzjoni u mill-*parte civile*, u cioè li l-esponent volontarjament dahal f'art privata sabiex jghid lil Debattista li l-*bird-callers* kienu kontra l-ligi – fatt kontestat mill-istess esponent – dan l-att jikkostitwixxi ir-reat ta' *ragion fattasi* kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Charles Gauci et *(26.01.2011)* il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet, wara li kkonfermat il-htija fir-reat ta' *ragion fattasi*, illiberat lill-appellanti mir-reat kontemplat fl-artikolu 340 (*d*) peress li dan jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min "*bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjetà ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'ohra f'dan il-Kodici*". Din is-sottomissjoni giet ukoll injorata mill-Qorti tal-Magistrati. Huwa evidenti li dan il-principju japplika indipendetement minn jekk is-

suggett attiv ikunx akkuzat bir-reat jew le ghaliex il-ligi titkellem fuq agir u mhux fuq akkuza.

Illi, thares minn fejn thares lejh, ir-reat kontemplat fl-artikolu 340 (*d*) tal-Kodici Kriminali ma kellu qatt jirrizulta fil-konfront ta' l-esponent. Huwa bl-akbar rispett preokkupanti li sottomissjonijiet li jwasslu inekwivokabilment ghall-eskluzjoni ta' reat jigu kompletament injorati f'sentenza ta' xejn inqas minn hamsa u tletin (35) pagna.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, fir-rigward tar-reati kontemplati fl-artikoli 339 (1) (*d*) u 221 (1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati ma kkunsidratx is-sottomissjonijiet ta' l-esponent.

Illi fir-rigward ta' dawn iz-zewg reati, il-Qorti tal-Magistrati kkoncediet li l-esponent ikkaguna l-offizi fuq il-persuna ta' Manwel Billy Debattista meta zammu ma' l-art. Infatti qatt ma gie kontestat li l-offizi subiti minn Debattista saru meta l-esponent nizzel lil Debattista ma' l-art biex irazznu u biex ma jibqax jaghti bil-ponn. Ma hemm ebda allegazzjoni, u wisq inqas prova, ta' xi offiza qabel din il-parti ta' l-incident. Il-Qorti tal-Magistrati ma ghamlet ebda konsiderazzjoni ta' x'wassal lill-esponent inizzel lil Debattista ma' l-art, u cioè li l-esponent razzan lil Debattista u zammu ghal madwar ghaxar minuti sabiex hu ma jibqax jigi aggredit, wara li kien gjà gie ferut kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem. Dan ghamlu mhux sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu l-hsara izda minhabba l-perikolu li kien jinsab fih. L-agir ta' Debattista – t-tfigh tal-gebla u d-daqqiet ta' ponn – ma giex kontestat minn Debattista. Ghalhekk, fir-rigward tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339 (1) (*d*), jonqos element krucjali – l-iskop tal-"hebb" li huwa espressament rikjest mil-ligi. Sfortunatament anke hawnhekk il-Qorti tal-Magistrati intilfet f'osservazzjonijiet dwar id-daqs tal-gebla u injorat is-sustanza tad-difiza ta' l-esponent.

Illi l-esponent lanqas ma kellu jinstab hati tad-delitt kontemplat fl-artikolu 221 (1) ghaliex l-agir tieghu kien espressament permess mil-ligi – *private citizen's arrest*. Infatti l-**artikolu 355W** tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

> *" (1) Kulhadd ukoll jekk ma jkunx ufficjal pubbliku jista' jaghmel arrest minghajr mandat lil xi hadd li jkun fl-att li jaghmel jew li jkun ghadu kemm ghamel delitt sesswali, xi delitt ta' omicidju volontarju jew offiza kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dhul volontarju illegali jew hsara lill-proprjetà.*
>
> *" (2) Min ikun qed jaghmel l-arrest taht is-subartikolu (1) ghandu minghajr ebda dewmien jgharraf lill-Pulizija li jkun ghamel dak l-arrest u ghandu jesercita dik is-setgha biss sakemm din tkun ghalkollox mehtiega biex il-Pulizija tiehu f'idejha l-persuna arrestata."*

Illi fil-mument li gew subiti dawn l-offizi, Debattista kien ghadu kif ikkommetta offiza fuq il-persuna ta' l-esponent. Naturalment fil-hin ta' l-incident l-esponent ma seta' qatt jipprevedi li l-agir ta' Debattista kien ser jigi kondonat mill-Qorti tal-Magistrati. L-esponent gharraf mill-ewwel lill-Pulizija bl-aggressjoni minnu subita kif konfermat minn Marcus Camilleri li cempel lill-Pulizija fuq talba ta' l-istess esponent. Dan jirrizulta mill-atti processwali u huwa fatt iehor li ma giex, u lanqas seta', jigi kontestat.

Illi fis-sentenza appellata l-Qorti tal-Magistrati llimitat ruhha biex tghid li ma kienet taqbel xejn mar-ragunament tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Saviour Mifsud Bonnici** *(14.05.2014)* fejn kien intqal li meta l-ligi tirreferi ghal min ikun "ghadu kemm ghamel delitt", dan ma jfissirx illi l-persuna li tkun wettqet delitt trid tigi arrestata skond dan l-artikolu proprju fil-post tad-delitt. Fil-fatt tali artikolu jista' jitqies applikabbli anke fejn persuna li tkun ghadha kemm ghamlet delitt tigi segwita ("*chased*") mil-lok tad-delitt sa post iehor. Issa f'dan il-kaz l-arrest sar meta l-esponent kien qed jipprova jitlaq minn fuq il-post u mhux wara xi insegwiment bhalma ma kien gara fil-kaz citat.

Illi l-Qorti tal-Magistrati qalet ukoll b'mod lakoniku li dak li qal l-esponent ma rrizultax mill-provi. Tali asserzjoni ghandha mill-inkredibbli meta wiehed jikkonsidra li l-versjoni ta' l-esponent giet ikkonfermata minn Alexandra Hancock u minn Marcus Camilleri u effettivament lanqas ma giet, fil-maggor parti taghha, kontestata mill-istess Debattista. Kull kumment iehor f'dan ir-rigward ikun superfluwu.

Illi l-fatt li jirrendi iktar serju n-nuqqas tal-Qorti tal-Magistrati li tikkonsidra din id-difiza legittima hu li l-persuna li kienet qed tagixxi fil-parametri ta' l-artikolu 355W imsemmi, u cioè l-esponent, kienet is-suggett passiv tar-reat u mhux terza persuna li semplicement inzertat kienet prezenti waqt id-delitt imsemmi fis-subinciz (1) ta' dan l-artikolu.

Illi lanqas ma nghatat konsiderazzjoni s-sottomissjoni ta' l-esponent li l-offizi subiti minn Debattista sehhew bhala konsegwenza ta' bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu (artikolu 223 tal-Kodici Kriminali). Il-Qorti tal-Magistrati ghamlet diversi osservazzjonijiet ta' natura akkademika dwar din id-difiza – u tad-difiza tal-provokazzjoni li qatt ma nghatat mill-esponent (*sic!*) – minghajr ma applikat il-principji minnha esposti ghall-fatti tal-kaz. Frankament filwaqt li ma hemmx dubju li osservazzjonijiet bhal dawk tal-Qorti huma ta' interess akkademiku, l-esponent kien jippretendi wkoll osservazzjonijiet ulterjuri dwar l-applikazzjoni taghhom ghall-provi akkwiziti.

Illi Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu, jghid li sabiex tirnexxi l-legittima difiza, id-deni jrid ikun "*unjust*", "*grave*" u "*inevitable*". Certament id-deni li gie repellit mill-esponent kien ingust in kwantu l-argument verbali ddegenera fi vjolenza da parti ta' Debattista esklussivament b'xelta tieghu in kwantu l-vjolenza giet kommessa minnu u l-offizi gew minnu subiti meta l-esponent issara mieghu biss bil-ghan li jrazznu.

Illi d-deni kien ukoll gravi. Fuq dan ir-rekwizit **Sir Anthony Mamo** jghid li *"[t]he act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person 'irreparable' evil; and the law considers as 'irreparable', and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual."* Kif gjà gie spjegat, meta Debattista beda jfajjar bil-ponn, l-esponent mexa lura u ma rreagixxiex bil-ponn jew b'xi mod iehor izda agixxa biss biex iwaqqaf l-aggressjoni. Ghalhekk lanqas ma jista' jkun hemm dubju li d-deni kien gravi.

Illi t-tielet rekwizit sabiex tirnexxi din id-difiza hi li l-azzjoni ta' l-agent ghandha tkun inevitabbli. **Sir Anthony Mamo** jghid li dan ifisser li l-periklu jrid ikun "*sudden, actual and absolute*". Rigward "*sudden*" jghid li;-

> *"[f]or if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it."*

L-esponent ma setghax janticipa li argument verbali kien ser jispicca fil-vjolenza kommessa minn Debattista u ghalhekk ir-reazzjoni tieghu kienet inevitabbli.

Illi fir-rigward tar-rekwizit ta' "*actual*" u "*absolute*", jigi rilevat li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Martina Galea</u>**[4] kien intqal li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabilità, meta l-akkuzat "*cannot escape though he would*" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "*would not escape though he could*". Effettivament jirrizulta li ghalkemm l-esponent altru milli kellu l-mezzi fizici biex jirritalja, huwa ghazel li jimxi lura sabiex jevita l-inkwiet.

Illi huwa f'dan is-sens li r-rekwiziti kollha sabiex tirnexxi din id-difiza kienu presenti fl-attakk subit mill-esponent u ghalhekk, skond id-dettami ta' l-artikolu 223 tal-Kodici

[4] Deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-14 ta Jannar 1986

Kriminali, il-Qorti, wara ezami ta' l-evidenza, kellha tillibera lill-esponent mir-reat ta' offiza fuq il-persuna ta' Manuel Billy Debattista.

Illi jinghad ghal kull buon fini li lanqas ma jista' jkun hemm dubju li kien hemm il-proporzjonalità bejn l-agir u l-esponent u dik ta' Debattista. Anzi, jekk kien hemm sporporzjon dan kien biss minhabba l-fatt li l-esponent kien kawt hafna fir-reazzjoni tieghu u certament il-ligi kienet tippermetti reazjoni iktar solida da parti tieghu tenut kont ta' l-aggressjoni minnu subita.

Illi f'dan il-kaz il-*parte civile* gabet prova li l-esponent huwa persuna palestrata u *trained in combat*. Dawn il-provi juru biss kemm wera li ma marx biex jiggieled fizikament u l-agir tieghu kien wiehed moderat hafna u intiz biss biex jipprotegi lilu nnifsu. Li kieku l-esponent ghazel li juza t-*training* tieghu mod iehor ma jista' qatt ikun hemm dubju li l-incident ma kienx jispicca kif spicca. Dan il-fatt ma nghata assolutament ebda konsiderazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi jinghad bl-akbar rispett li ghar-ragunijiet premessi, kemm individwalment kif ukoll kumulattivament, l-esponent kellu jigi lliberat ukoll mill-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 339 (1) (*d*) u 221 (1) tal-Kodici Kriminali.

Illi <u>t-tielet u l-ahhar aggravju</u> ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet evalwazzjoni kompletament zbaljat u parzjali tal-provi migjuba f'dan il-kaz.

Illi d-difensur ta' l-esponent huwa konsapevoli mill-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-rigward ta' aggravji simili. Però wiehed irid dejjem izomm f'mohhu li tali gurisprudenza tirreferi ghal apprezzament tal-provi li jkun ragonevoli u hawnhekk qed jigi sottomess bl-akbar rispett li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti tal-Magistrati kien wiehed irragonevoli ghall-ahhar.

Illi l-kwistjonijiet fattwali kontestati f'dan il-kaz kienu principalment tnejn. L-ewwel punt ta' kontestazzjoni jirrigwarda t-telefonata ta' Alexandra Hancock lill-Pulizija Ezekuttiva dakinhar ta' l-incident. Filwaqt li l-prosekuzzjoni allegat li Hancock kienet cemplet biss sabiex tirrapporta l-uzu ta' *bird-callers* da parti ta' Manwel Billy Debattista, hija spjegat li kienet cemplet ukoll minhabba l-aggressjoni subita minn zewgha. Il-*parte civile* ppruvat tgiddeb lil Hancock bil-produzzjoni ta' affidavit maghmul minn PC 1120 C. Cauchi; izda dan, b'korrettezza, qal li ma setghax jiftakar il-kontenut kollu tal-konversazzjoni li kellu max-xhud. It-tieni punt ta' kontestazzjoni jirrigwarda l-veracità ta' l-asserzjoni ta' l-esponent u ta' martu dwar il-fatt li l-kelb taghhom kien harbilhom. Fir-rigward ta' din il-kontestazzjoni il-Qorti tal-Magistrati ma tilfitx zmien biex tghid li ma kienitx qed temmen li l-kelb kien effettivament harab (*vide* nota *in calce* n. 2, p 4 u pp 25-26 tas-sentenza). Naturalment il-Qorti kienet pjenament libera li tevalwa l-kredibilità tax-xhieda, basta li dana taghmlu a bazi ta' dak li kien irrizulta fil-kaz li kellha quddiemha. Sfortunatament il-konsiderazzjoni tal-Qorti saret mhux in bazi tar-rizultanzi fattwali izda minhabba li "*[d]in tal-kelb qeghda tintuza wisq bhala difiza meta jinqalghu incidenti bhal dawn fejn persuna jidhlu fi proprjetà mhux taghhom*". Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li din il-konsiderazzjoni tal-Qorti ma hijiex wahda legittima ghaliex hija msejjsa fuq dak li presumibilment intqal f'kawzi ta' terzi li l-esponent u martu kienu estranji ghalihom.

Illi, allura, dan ifisser li, fir-rigward tat-telefonata l-prosekuzzjoni ma ppruvatx is-suspetti taghha u huwa palezi li s-suspetti jibqghu suspetti fin-nuqqas ta' evidenza konkreta. U, ukoll, fir-rigward tal-kwistjoni tal-kelb, l-osservazzjonijiet tal-Qorti gew imsejjsa fuq dak li suppost kienet skuza li kienet qed tintuza spiss, u cioè imsejjsa fuq fatti mhux maghrufa lill-esponent in kwantu estranji ghall-atti processwali tal-kawza in dizamina.

Illi ghalkemm dawn iz-zewg punti ta' kontestazzjoni nghataw hafna importanza mill-Qorti, kemm waqt il-proceduri kif ukoll fis-sentenza, l-esponent jirrileva bl-akbar rispett li temmen x'temmen il-Qorti, dawn kienu kompletament irrelevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenzi li kellha quddiemha. Filwaqt li l-Qorti ghamlet referenza ghall-

**artikolu 637 tal-Kodici Kriminali**, fl-ebda parti tas-sentenza ma qalet fejn l-esponent u martu kienu fallew fil-kriterji elenkati f'din id-disposizzjoni. L-artikolu 637 jghid li min ghandu jiggudika l-fatti ghandu jiehu qies, *inter alia*, *"jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti"* u *"jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra"*. Ma huwiex bizzejjed li jigi citat dan l-artikolu *in vacuo* minghajr ma l-Qorti tispjega fejn kienu l-mankanzi relattivi tax-xhud *de quo*.

Illi l-versjoni ta' l-esponent ghandha mis-sewwa ghaliex l-offizi minnu subiti u dawk subiti minn Debattista huma konfacjenti kemm mal-versjoni moghtija mill-istess esponent kif ukoll mal-fatt difficilment traskurabbli li l-esponent huwa persuna palestrata u *trained in combat*. Fi kliem iehor, li kieku l-esponent ried jirreagixxi b'aggressività ghall-attakk ta' Debattista, dan setgha facilment ghamlu minghajr in-necessità li jrazznu u imbaghad jitlob ghall-ghajnuna ta' l-awtoritajiet. Il-versjoni ta' l-esponent dejjem baqghet konsistenti. Ghal din il-konsistenza ssir pjena referenza kemm ghal dak li ntqal minnu fid-denunzja maghmula lill-Pulizija Ezekuttiva u dak li ntqal fix-xiehda tieghu bil-gurament quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll ghal dak li qalu x-xhieda f'din il-kawza partikolarment martu Alexandra Hancock u x-xhud imparzjali Marcus Camilleri. Ix-xiehda tieghu hija ghalhekk ukoll imsahha minn xiehda ohra. Huwa evidenti li l-artikolu 637 issemma mill-Qorti minghajr ma gie effettivament applikat ghaliex, kif qed jigi spjegat, l-iktar kriterji importanti u relevanti ghall-kaz gew pjenament sodisfatti minnu.

Semghet lill-partijiet jittrataw dan l-appell u dan fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2022 fejn awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Ghar-rigward **<u>l-ewwel aggravju</u>** din il-Qorti sejra tibda sabiex taghmel referenza ghal Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali li jistipula illi kull minn *"bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Franco Zammit</u>**[5] saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Mario Bonello) vs. Carmelo Galea</u>**, fejn l-Onorabbli Qorti indikat ili 'Il-kontravvenzjoni hemm indikata u cioe' dik kontemplata fl-artikolu 340 (d) ma tkoprix eventwalita' bħal din fejn konjugi proprjetarju jimpedixxi l-aċċess tal-konjugi l-ieħor fid-dar taż-żwieġ iżda fattispeċji oħra **<u>li normalment ikunu jikkonsistu filli wieħed jidħol fil-propjeta' ta' ħaddieħor bla permess u b'hekk jinvadi l-privatezza ta' dak li jkun.'</u>**

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Vella</u>**[6] kien gie ritenut is-segwenti:

> *'Din il-Qorti ma taqbilx. Appart l-fatt li aktar ma tghaddi minn fuq qamh mgahffeg aktar qed izzid il-hsara – il-ftit qamh li jkun ghadu tajjeb biex jingabar jew jinhasad jerga' jigi kalpestat u zgur ma jibqa' tajjeb ghal xejn – il-hsara ravvizata fil-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 340 mhix semplicement hsara kwantifikabbli fi flus, bhalma hu, per ezempju, il-kaz tal-hsara kagunata bis-serq (Art. 267, 279, 285, u 334(a) Kap. 9), jew tal-hsara konsegwenti ghal reati ta' frodi (Art. 310) jew ghar-reat ta' hsara volontarja fi proprjeta` mobbli jew immobbli (Art. 325). Il-hsara kontemplata fl-Artikolu 340(d)* ***tavvera ruhha kull darba li, bil-vjolazzjoni tal-prorpjeta` li tkun saret, is-sid jew id-detentur ta' dik il-proprjeta` jkun sofra xi pregudizzju anke jekk mhux kwantifikabbli fi flus jew li ma jkunx jikkonsisti fi hsara materjali. In fatti f'dan is-sens hija aktar korretta l-espessjoni wzata fit-test Ingliz tad-disposizzjoni in dizamina – "…to the prejudice of the owner or holder thereof…". Hekk, per ezempju, gie ritenut li anke ssemplici skomodu li wiehed irid joqghod inehhi karta <u>mwahhla fuq il-windscreen ta' vettura qabel ma jkun jista' jibda jsuqha</u>***

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Frar, 2020.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Novembru, 2003.

***jammonta għall-ħsara ravvizata fl-Artikolu 340(d)*** (***Il-Pulizija v. Gianni Nicola Cassar***[7]*– f'dan il-kaz il-vjolazzjoni kontra l-proprjeta` kienet tikkonsisti fis-semplici manumissjoni tal-vettura biex titwaħħal il-karta).* *Hekk ukoll fil-kaz* **Il-Pulizija v. Philip Agius**[8] *gie ritenut li l-hsara in kwistjoni tista' tikkonsisti semplicement filli xi hadd jezercita dritt fuq bicca art b'menomazzjoni tad-drittijiet tas-sid jew tad-detentur ta' dik l-art. Gie ritenut ukoll li meta bejn il-gabillotti jkun hemm arrangamenti dwar, fost affarijiet ohra, moghdijiet, l-invazjoni tar-raba' tammonta ghal hsara fis-sens ta' l-imsemmija disposizzjoni u dan peress li tali invazjoni tiddisturba l-imsemmija arrangamenti li jirregolaw id-drittijiet ta' l-istess gabillotti inter se* (**Il-Pulizija v. Anthony Gauci** et[9]). *Huwa veru li fil-kaz de quo, u skond id-deposizzjoni ta' l-istess appellant, fil-25 ta' Frar tassena l-ohra kienet l-ewwel darba li huwa kien dahal minn fuq il-passagg imsemmi bil-vettura fix-xitwa; pero` huwa veru wkoll li f'cirkostanzi simili Vincent Buhagiar ghamel sew li rreagixxa tempestivament bi kwerela u dana minhabba l-biza li, kif jinghad, "jitrabba l-gust". Ghalhekk ma hix korretta t-tezi ta' l-appellant li l-hsara trid tkun "materjali" u "effettiva" (kif jidher li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* **Il-Pulizija v. Grazio Mifsud**[10]) *jekk b'dawn iz-zewg kelmiet wiehed jeskludi l-prejudizzju b'mod generali kif aktar 'l fuq imfisser. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tara li ssentenza ta' l-ewwel qorti ghandha tigi konfermata.'*

Referenza sejra ssir għad-deċizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**,[11] fejn il-Qorti qalet hekk:

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Marzu, 1958
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Jannar 1958
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' April, 1958
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Lulju, 1949
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Settembru 2008.

*"Gie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzjoni postulata fl-inciz (d) tal-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 ma kinitx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta' jew ghad-detenzjoni".*

L-appellant jargumenta illi se mai kellu jinstab akkuzat tar-reat ta' *ragion fattasi* u mhux taht Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali. Tajjjeb li jigi mfakkar illi Artikolu 340 (d) jipprovdi testwalment:

*"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjetà ta' haddiehor,* ***mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band' ohra f' dan il-Kodici."*** **(Enfasi mizjuda)**

Ghaldaqstant, min jinsab hati ta' reat ta' *ragion fattasi*, ma jinstabx hati wkoll bi ksur t' Artikolu 340(d) u dan stante kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Gauci et**[12]:

*"Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-artikolu 340 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjeta, kull min "bi hsara ta-ssid jew tad-detentur. jaghmel vjolazzjoni ohra kontra I-proprjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band' ohra f' dan il-Kodici" (sottolinear ta' din il-Qorti).* ***Peress illi l-appellanti nstabu hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tali htija qed tigi kkonfermata, ma kellhomx allura jinstabu hatja wkoll ta' din il-kontravvenzjoni."***

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2011.

Illi dan gie wkoll kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Spiteri**[13] fejn il-Qorti qalet:

> *"Dwar it-tieni akkuza u cioe vjolazjoni ta' proprjeta kif dispost fl-artikolu 340 (d) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, id-difiza issostni li l-ewwel Qorti ma setgehtx issib lill-akkuzat hati u dan ghaliex kienet gja sabet lill-akkuzat hati tar-reat ta' raggion fattasi. L-artikolku 340 (d) jipprovdi li ''Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min bi hsara tas-sid jew tad-detentur, jaghmel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjetà ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band' ohra f' dan il-Kodici.*
>
> ***Illi fil-kaz in desamina id-difiza ghandha ragun u dan ghaliex din il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' htija fir-reat ta' ragion fattasi u ghalhekk ma kellhiex issib lill-akkuzat hati tat-tieni akkuza."***

Fir-rigward tar-reat ta' *ragion fattasi*, din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-elementi tal-istess reat. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Robert Vella) Vs Carmel Azzopardi'**[14] gie kkunsidrat:

> *'Illi l-elementi tar-reat in desamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl- ismijiet* ***'Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et' (Appell Kriminali 14 t'Ottubru 1994, Volume XXX2, part4, page 768).*** *Dawn jinkludu:*
>
> *a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implictu ta' dik il-persuna.*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Mejju, 2021.
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Marzu, 2012.

*b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt.*

*c) Ix-xjenza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali.*

*d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.*

*Illi kif dejjem gie ritenut element important kostitwiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jesercita d-dritt illi hu jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontari fuq propjeta ta' haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li jsir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkomettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'li wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t- tgawdija taghha. Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ga jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lil terz jew ifixxklu fil-pussess tal-haga.*

*Ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Special Volume 5, para 2850): 'l-Atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e nel attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche la legge protegga 'stato quo' il quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della Awtorita Gudiziale.'*

Illi din il-Qorti ghalhekk issa sejra sabiex tidhol f'kull wiehed mill-elementi sucitati.

A. <u>L-att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implictu ta' dik il-persuna.</u>

L-att estern u cioe' l-*actus reus*, jikkonsisti minn persuna li b'awtorita' tieghu ggieghel lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd

fil-pussess ta' hwejġu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeġ haddiehor.'

Sabiex dan ir-reat jissustixxi dan l-att estern jrid jostakola lil kwerelant milli jgawdi d-dritt ta' xi haga, mobbli jew immobli. Dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Eileen Said**,[15] fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> *'Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet.* ***L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.****'*

Jigi enfasizzat illi sabiex ir-reat tar-ragion fattasi jissustixxi, *"il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi."*[16] Dan jigifieri il-kwerelant m'ghandux bzonn ikun is-sid tal-propjeta' ghax il-pussess huwa bizzejjed. Dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi ohrajn **fosthom Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**.[17] Oltre minn hekk, is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Consiglio Abela**, [18] il-Qorti qalet b'mod car illi:

> *'Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd -* ***ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd*** *– dment li jiġi pruvat li jkun hemm* ***dak il-pussess jew jedd jew xi forma tiegħu.'***

Ghaldaqstant hawnhekk din il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka illi fil-kaz odjern, il-prova tar-registrazzjoni tal-mansab migjuba mill-prosekuzzjoni kienet bizzejjed f'dan ir-rigward.

---

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Gunju, 2002.
[16] **Il-Pulizija vs Mario Bezzina** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-26 ta' Mejju, 2004.
[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) nhar it-13 ta' Lulju, 2021.
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 t' April, 2021.

Huwa essenzjali wkoll sabiex dan l-element jirrizulta jrid jkun hemm oppozizjoni espressa jew implicita' u cioe' din tal-ahhar tirrizulta permezz tal-azzjonijiet tal-kwerelant. L-akkuzat irid ikun jaf li l-kwerelant igawdi dritt fuq xi haga u li ser jopponi jekk jigi mcahhad mill-istess dritt. Fil-kaz odjern l-appellant jghid illi hu ma kienx jaf illi dik kienet propjeta' privata, ghalkemm ra lil Debattista jonsob fiha. Min-naha l-ohra Debattista xehed illi kien qal lill-appellant diversi drabi li dik kienet propjeta' privata u ghalhekk kellu jitlaq.

B. L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt

Sabiex jirrizulta dan l-element, l-akkuzat irid ikun qed jagixxi bi dritt jew '*acting rightfully*'. Din il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenza indikata *supra* fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said**[19] fejn il-Qorti enfasizzat illi:

> *'Illi kif ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali, fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun jrid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta ta' ħaddieħor per eżempju.* ***Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkummettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet.'***

C. Ix-xjenza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali

Carrara fi *Programma del Corso di Diritto Criminale*[20] jaghti zewg ezempji sabiex jispjega dan l-element:

[19] Op citat.
[20] Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 540 and 543.

**L-ewwel ezempju:** Jekk bi zball A jestendi l-linji l-konfini tal-propjeta' ghal fuq il-propjeta' tal-gar tieghu, l-kosegwenza ser tkun illi dan ser ikun qed icahdu mit-tgawdija tal-propjeta' tieghu. Ghaldaqstant jirrizulta l-ewwel element. A emmen li kien qed jezercita dritt u ghalhekk jirrizulta wkoll it-tieni element. Madankollu, it-tielet element ma jirrizultax u dan ghaliex ma kien konxju li kien qed jezercita awtorita' li fil-verita' tappartjeni ghal awtorita' pubblika. Ghal dawn ir-ragunijiet A ma jistax jinstab hati ta' *raggion fattasi*.

**It-tieni ezempju:** A izur lil habib tieghu B izda ma jsibux hemm. A, jara ktieb li kien sellef lil B u jiehdu ghax jemmen illi B mhux ser jopponi. Jekk B jopponi ghax jippretenti li ghandu xi dritt fuq il-ktieb, mela hemmhekk jirrizulta l-ewwel element u dan ghaliex A ikun zamm lil B milli jgawdi l-ktieb li hu jippretendi li ghandu dritt fuqu minkejja l-oppozizzjoni tieghu. It-tieni element jirrizulta ghaliex A jemmen li qed jezercita dritt. Izda, t-tielet element ma jirrizultax u dan ghaliex l-ewwel element mhux riprodott f'mohh A. L-intenzjoni fit-tieni element hi nieqsa ghax A ma kienx jaf li B oppona jew ippresumi li ser jopponi.

Madankollu, kiku A kien jaf jew setgha jissoponi illi B ser joggezzjona li hu jiehu l-ktieb lura, per ezempju ghax ikun hallas il-*binding* tieghu: jekk A konxju tal-oppozzizjoni ta' B, stenna u ha l-opportunita' sabiex jiehu l-ktieb meta hu ma kienx hemm, allura hemm hekk jirrizulta it-tielet element tar-ragion fattasi. A kien jaf li B ser jopponi imma dehrlu li kien ingust li dan tal-ahhar izomm il-ktieb. A ma riedx jiftah kawza u allura ghamel li ghamel sabiex jakkwista l-pussess mill-gdid tal-ktieb.

Ghaldaqstant, sabiex jirrizulta r-reat ta' raggion fattasi l-intenzjoni trid tkun akkumpanjata mill-gharfien fil-mohh tal-akkuzat li jaghmel xi haga hu, bl-awtorita' tieghu, meta suppost din issir minn awtorita' pubblika. Hawnhekk il-Qorti hija rinfaccata bi provi kunflingenti u dan ghaliex l-appellant jghid illi spicca fil-propjeta' fejn kien hemm Debattista ghax beda jfittex il-kelb tieghu u sostna li ma kienx jaf li din kienet propjeta' privata ghax kieku ma kienx jidhol. Min-naha l-ohra dan tal-ahhar

jghid illi l-appellant dahal fil-propjeta' tieghu sabiex jargumenta mieghu fuq il-*bird callers*. Sintendi jiddependi liema verzjoni din il-Qorti tasal temmen biex tara dan l-element jirrizultax.

D. **<u>L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi</u>**

Sabiex jispjega dan l-element Carrara wkoll jaghti ezempju bhal meta xi hadd joqtol halliel ghax isibu jisraq fil-fatt u ghalhekk jemmen illi ghandu dritt joqtlu. Ovjament il-persuna ma jkunx hati ta' ragion fattasi imma omicidju volontarju. F'dawn il-proceduri r-reat jista' jkun biss inqas gravi u mhux aktar stante l-fatt li l-akkuza ai termini Artikolu 340(d) hija ta' natura kontravenzjonali.

Din il-Qorti ma temminx illi l-appellant kellu jinstab hati tar-reat tar-*ragion fattasi* u dan ghaliex l-att estern maghmul mill-appellant, anke jekk maghmul kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta ta' l-imsemmi Debattista ma kienx qieghed icahhad lill-kwerelant mit-tgawdija tal-ghalqa/dura, ghax il-kwerelant xorta baqa' jgawdi l-istess ghalqa/dura. Ghaldaqstant ma jirrizultawx l-elementi kollha tar-reat ta' *raggion fattasi*. Min-naha l-ohra, in segwitu tal-gurisprudenza sucitata, il-Qorti hija sodisfatta li effettivement bl-azzjonijiet tal-appellant giet kommessa il-"hsara" rikjesta taht Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Illi ghar-rigward **<u>it-tieni aggravju</u>** l-appellant jargumenta illi hu ma setax jinstab hati tal-Artikolu 339(1)(d) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex dak li ghamel ma ghamlux sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil Debattista izda minhabba l-perikolu li kien jinsab fih. L-agir ta' Debattista – t-tfigh tal-gebla u d-daqqiet ta' ponn – ma giex kontestat minn Debattista. Ghalhekk, l-appellant jghid illi fir-rigward tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339 (1) (*d*), jonqos element krucjali – l-iskop tal-"hebb" li huwa espressament rikjest mil-ligi. Oltre minn hekk hu jghid ukoll li ma

setax jinstab hati ta' Artikolu 221(1) ghaliex l-agir tieghu kien espressament permess mil-ligi – *private citizen's arrest*.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tara jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' *legittima difesa*. Hawnhekk din il-qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Micallef et</u>**[21] fejn gie ritenut:

> *'Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel (1) ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Mizzi</u>** dwar id-difiza ta' Legittima difesa. Dik il-Qorti sostniet li:*
>
> *"Id-difiza ta' legittima difesa hija limitata ghall-kazijiet fejn persuna tkun qed tigi akkuzata b'omicidju voluntarju jew offiza volontarja fuq il-persuna mhux fejn lakkuza tkun ma' xi reat iehor; in-necessita' hija differenti wkoll mid-difiza talkoazzjoni, din tal-ahhar kontemplata fl-Artikolu 47(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*
>
> *Dwar il-fatt li l-imputati agixxew in legittima difesa, l-Qorti tirrileva li hemm kontemplata fl-Artikolu 223 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta s-segwenti:*
>
> *"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita' legittima, jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*
>
> *Fil-waqt li fl-Artikolu 224 tal-Kap. 9, dan isemmi certi kazijiet (li taht l-ebda mmaginazzjoni ma hi ezawrijenti) ta' necessita' attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Marzu, 2016.

*Jigi rilevat li huwa veru li d-dritt ta' legittima jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza.*

*Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tal-legittima difesa tigi milqugha, fis-sentenza* ***<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa</u>***[22] *kien inghad hekk :-*

*"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l****<u>-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.</u>***

Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu [23]"Lectures in Criminal Law" jghid is-segwenti:-

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words, the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to coldblooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta` Ottubru 2003.
[23] Part I, pagna 104

*taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frangisku Fenech**[24] irriteniet is-segwenti:

> *"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."*
>
> *Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja**? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja.** Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Gunju, 1978.

*dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`.*

*Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:*

*"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente.*

*Illi r-ratio legis wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il- periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awtotutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni :-*

*"La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un'azione che si contrappone ad un'altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.*

*La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta.*

*Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall'aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.'*

*Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.*

*Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti :-*

*L'accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all'offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.*

*La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un'offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.*

*Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall'offesa sia attuale, escludendo così tutti i casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.*

*Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.*[25]

Din il-Qorti mhux tal-fehma illi l-appellant kien qieghed jagixxi in *legittima difesa* u dan ghaliex fid-dawl tal-gurisprudenza li giet iccitata *supra* ma temminx illi l-aggressjoni kienet ingusta u inevitabbli. Hancock, *meta* mistoqsija jekk kienx hemm xi haga li qed twaqqaf lill-appellant minn fuq il-post hi wiegbet li iva, Debattista jtih bil-ponn. L-appellant xehed illi hu beda jibza illi jekk jitlaq jigri jattakkah minn wara. Din il-Qorti ma tantx tista' temmen dan specjalment in vista tal-fatt ta' dak li xehed l-appellant stess li hu specjalizzat fl-isports u ghaldaqstant zgur ma kienx ser ikollu problema li jigri u jahrab minn Debattista li kieku vera ried.

[25] Ara **Il-Pulizija vs Brandon Lee Psaila** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju, 2021.

Illi b'referenza għall-Artikolu 339(1)(d) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li referenza specifika għalih saret f'dan l-aggravju, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Bonnici**:[26]

> *7. L-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kull min* ***"iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Joseph Pace*** *deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:*
>
> *"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz talmanifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi ttest Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra,* ***sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *8. Fil-każ in eżami, huwa evidenti illi r-reat li bih qiegħed jiġi akkużat l-appellant fit-tielet imputazzjoni huwa "reat aktar gravi", dak li kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa. Jiġifieri f'dan il-każ il-prosekuzzjoni qed tallega li kien hemm kuntatt fiżiku li wassal għal offiżi fuq Richard*

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Frar, 2016.

*Vella. Kien ikun aħjar li kieku ġiet evitata l-kelma "ħebb" fl-imputazzjoni, iżda din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-appellant kien jaf biex kien qiegħed jiġi akkużat. Wara kollox:*

*"ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, ilfunzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami**)."*

*9. L-artikolu 339(1)(d) stess jipprovdi: **"kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi". U dan huwa preċiżament każ fejn il-fatt allegat jaqa' taħt disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 221(1). Għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li lewwel Qorti tirreferi għall-artikolu 339(1)(d).** Konsegwentement l-ewwel aggravju hu miċħud.*

Ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza sucitata, din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn sabet htija kontra l-appellant kemm ai termini Artikolu 339(1)(d) u kemm ai termini Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi l-appellant kellu jinstab hati biss taht Artikolu 221(1).

L-appellant fir-rikors tieghu ghamel referenza ghal Artikolu 355W ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u argumenta illi huwa ma kellux jinstab hati taht Artikolu 221(1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex huwa ghamel l-hekk imsejjah *private-citizen arrest*.

**Artikolu 355W** ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

> *" (1) Kulhadd ukoll jekk ma jkunx ufficjal pubbliku jista' jaghmel arrest minghajr mandat lil xi hadd li jkun fl-att li jaghmel jew li jkun ghadu kemm ghamel delitt sesswali, xi delitt ta' omicidju volontarju jew offiza kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dhul volontarju illegali jew hsara lill-proprjetà.*
>
> *"(2) Min ikun qed jaghmel l-arrest taht is-subartikolu (1) ghandu minghajr ebda dewmien jgharraf lill-Pulizija li jkun ghamel dak l-arrest u ghandu jesercita dik is-setgha biss sakemm din tkun ghal kollox mehtiega biex il-Pulizija tiehu f'idejha l-persuna arrestata."*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Owen Vella**[27]

> *'Din id-dispozizzjoni tal-Ligi taghmel referenza ghad-dritt tal-persuna li jkun jista' jarresta lil xi persuna li qed jaghmel jew ghadha kif ghamlet xi delitt. Din kienet dahlet fis-sehh relattivament ricenti. Illi fil-fatt qabel l-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi ma kien hemm xejn ghal kazijiet meta l-privat seta' jarresta lil xi hadd. Illi dwar*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-8 t' Ottubru, 2020.

*dan kien ikkummenta l-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu fejn qal:*

*"In the second place it will be noticed that section 85 (illum 86) saves from its own operation the cases in which the law authorises private individuals to arrest offenders. The question naturally arises: which are these cases? Article 106 of the French Code of Procedure specified such cases in express terms by laying down that, not only the members of the police force, but also any and every other person was bound to arrest any offender caught in the act or followed by the hue and cry, in order to take him before the competent authority, without the necessity of any grave punishments. Our laws of procedure contain no such formal and express provision."*

Oltre minn hekk, fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saviour Mifsud Bonnici,**[28] l-Qorti qalet is-segwenti:

*9. L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi meta l-liġi tirreferi għal min ikun "għadu kemm għamel delitt", dan ma jfissirx illi l-persuna li tkun wettqet delitt trid tiġi arrestata skond l-artikolu 355W imsemmi proprju fil-post tad-delitt. Fil-fatt tali artikolu jista' jitqies applikabbli anke fejn persuna li tkun għadha kemm għamlet delitt tiġi segwita ("chased") mil-lok tad-delitt sa post ieħor.*

Din il-Qorti m'ghandhiex quddiemha kaz klassika ta' akkuzat u vittma fil-kaz odjern u dan ghaliex il-Qorti temmen illi din kienet tilwima illi minn gewwa l-ghalqa u/jew id-dura, ggebdet sat-triq jew kwazi fit-triq. Il-Qorti ssibha ferm difficli sabiex temmen illi sa fejn it-triq l-appellant baqa' biss jiddefendi lilu nnifsu u x'hin wasslu fit-triq nizzlu mal-art u baqa' fuqu ghal madwar ghaxar minuti sakemm lemhu lil Marcus Camilleri li gieghluh icempel lil pulizija. Kieku stess dan huwa minnu, Artikolu 355W(2) jghid illi dak li jkun ghandu *'minghajr ebda dewmien jgharraf*

[28] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Mejju, 2014.

*lill-Pulizija li jkun ghamel dak l-arrest'*. Hancock stess tghid li kienet cemplet lil pulizija aktar qabel u ghaldaqstant jirrizulta illi din kellha mezz sabiex iccempel. Ghalhekk lill-pulizja setghu jcemplulhom l-appellant jew Hancock stess u dan ghaliex jidher li kellhom il-mezz sabiex jaghmlu dan. Ghaldaqstant ma kienx ikun hemm il-bzonn li jghaddu ghaxar minuti u li kellu jkun terza persuna biex cemplet il-pulizija.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tilqa' l-aggravju tal-appellant limitatament fir-rigward li dan ma kellux jinstab hati t'Artikolu 339(1)(d) u tichdu fir-rigward t' Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi **fit-tielet aggravju** l-appellant jistqarr li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et;**[29] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi;**[30] **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace;**[31] **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[32] u ohrajn.)

---

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1995.
[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989.
[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-31 ta' Mejju 1991.
[32] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-31 ta' Mejju 1991.

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **<u>R. v. Cooper</u>**[33] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then ,* very exceptionally, a conviction will be quashed.[34]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,</u>**[35] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***<u>tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezza</u>ment. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

[33] ([1969] 1 QB 276).
[34] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[35] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru,1994.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Busuttil,**[36]

> *"din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.*
>
> *Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni.* ***Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija."***

Illi ghalhekk din il-Qorti qabel xejn trid tezamina x-xhieda prodotta.

**P.S. 1040 John Grima**[37] xehed permezz ta' affidavit fejn qal li nhar il-21 ta' Ottubru, 2020 ghal habta ta' 3.30 pm kien infurmah PC 1120 Cauchi li kien ghadu kemm ircieva telefonata fejn vuci femminili kienet infurmathom li fl-inhawi ta' Wied il-Mielah kien hemm nassab li beda juza *bird caller*. Ftit wara l-istess kuntistabbli nfurmah illi rcievew telefonata minn vuci maskili li f'Wied Mielah kien hemm glieda.

X'hin wasal fuq il-post qal li ra persuna maskili li kellha d-demm ma wiccha u li kien assistit minn persuna femminili u ra wkoll persuna li kien fid-dura ta' mansab. Il-persuna li kellu wiccu bid-demm kien Steven Francis Haston, l-appellant, li kien qallu li harablu l-kelb, mar iffitxu fil-mansab u n-nassab beda jghajjat u qabad gebla,

---

[36] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 2021.
[37] Fol. 14 tal-atti processwali.

mbghad reha l-gebla u hebb ghalih bil-ponn b'daqqiet f'wiccu. Hu spjega illi sabiex jiddefendi lilu nnifsu hu tefa' lin-nassab mill-art u zammu ghal ghaxar minuti. Alexandra Rebecca Heidi Hancock ikkollaborat il-verzjoni ta' zewgha u rrimarkat li n-nassab kellu arma tan-nar. Hu talab lil Haston imur l-isptar u jottjeni certifikat mediku.

Kellem ukoll lil Manuel Billy Debattista li wrih il-licenzja u li setgha jinnota illi kellu arma tan-nar. Il-mansab kien monsub b'xibka maghrufa bhala *clapnet* u b'kollox kellu ghoxrin ghasfur tal-ghana kollha bic-curkett. Irrizultalu wkoll illi l-*bird caller* kellu tisfir ta' ghasafar tal-ghana. Hu qallu 'Kont qed nonsob u gie wiehed u qalli li qed nonsob kontra l-ligi ghax mhux suppost nuza *cassette.* U tlabtu jdabbar ghax kont sew. Ma telaqx, qaghad idur u qbadt gebla biex inbezzghu. Mbuttani u tajtu daqtejn. Spiccajna mat-triq, waqajt fl-art u ntefa fuqi u zammni minn ghonqi. Zammni ghal xi hames minuti u ghadda wiehed u firidna.' Hu nsistha illi meta l-appellant resaq lejh, il-mara kienet qed izzomm il-kelb fit-triq. Hu qal lil Manuel Billy sabiex imur l-isptar ghal ezami mediku.

**<u>Emanuel Muscat</u>**[38] xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2020 fejn in rapprezzentanza ta' WBRU rrapprezenta l-applikazzjoni u r-registrazzjoni tal-mansab mis-Sur Debattista u anke d-dettalji ta' dan tal-ahhar. Hu spjega illi t-tikek fuq Dok EM3 huma mnasab registrati dik is-sena li jistghu jintuzaw ghal *finch trapping, finch research tratting* jew inkella ghall-insib tal-pruviera u l-malvizz. Ikkonferma illi fejn hemm l-isem Manuel Billy Debattista. L-applikazzjoni tal-*finch trapping* tieghu kienet valida minnl-20 t' Ottubru, 2020 sa l-20 ta' Dicembru, 2020.

**<u>Marcus Camilleri</u>**[39] xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2020 fejn qal illi kien il-21 t' Ottubru, 2020 meta kien qed isuq lejn Wied il-Mielah bil-karozza u ra zewg min-nies gharkubtejhom u waqqfuh, qallu 'ieqaf, cempel lill-pulizija'. Hu hareg mill-

---

[38] Fol. 24 tal-atti processwali.
[39] Fol. 32 tal-atti processwali.

karozza u ra tnejn min-nies bilqeghda fuq ragel li kien nassab jismu Manuel. Hu spjega illi ra lil Emanuel qisu mhux jiehu nifs u ghajnejh qisu nqalbulu u meta gibed l-attenzjoni dwar dan lil Haston dan telqu mill-ewwel. Qal ukoll li Stephen kellu d-demm ma wiccu. Hu tkellem mal-koppja u cempel lill-pulizija. Qal li kienu f'ghalqa u baqa' hemm sakemm gew il-pulizija.

In kontro-ezami jghid illi l-appellant kien qed izomm lil Debattista minn rasu, spallejh, sidru u ghonqu. Meta beda jitkellem mal-koppja kkonferma li huma hasbu li kien illegali li jintuza *bird caller* u hu kien qalilhom li kien legali. Qal illi kif wasal ezatt kellu video tad-*dashcam* tal-karozza u ha bicca *video* bil-mobile. Dan il-*video* ghaddih lil Manuel u gie pprezentat fl-atti permezz ta' pendrive.

Hu jikkonferma illi ma kienx jafhom lil koppja qabel dan l-incident. Hu qal li kien l-appellant li talbu jcempel lill-pulizija u meta mar hdejh kien qallu li Manuel kien ghamel ghalih, qabad gebla. Hu qal li x'hin nizel hdejhom ma kienux fuq il-mansab, kien qabel il-mansab ftit il-boghod imma ma kienx hemm kancell u ma kien hemm xejn.

Camilleri[40] rega' xehed in kontro-ezami nhar is-6 ta' Jannar, 2021 fejn qal li l-ewwel haga li kien qallu l-appellant kien li ghamel ghalih nassab b'gebla. Imbghad il-mara tieghu kienet qed tghid illi llegali li juzaw *bird caller* u hu kien qalilha li hi legali ghax dak iz-zmien kien *catch and release*. Hi qaltlu 'tghid mhux ha jitilquhom l-ghasafar!'. Hu haseb li l-argument inqala' minhabba *bird caller* imma meta bdew jirrapurtaw lill-pulizija fuq il-post huma kienu semmew li kien harbilhom kelb li hu rah jigri. Ma jidhirlux li lilu kellmuh fuq il-kelb. Spjega li l-mara marret tigbidlu *video* lil Debattista meta dan mar jixrob u kien ghadu ma giex f'sensih u sahansitra anke dahlitlu fil-mansab, ghalhekk ikkonferma li l-mara dahlet fil-propjeta' privata tieghu. Hu kien qal lill-appellant sabiex iwaqqafha ghax kieku ghamlet hekk lilu, inkwiet kien ha jkollu. Hu jaf li kien hemm ghasafar u gabjetti maqlubin fil-mansab.

---

[40] Fol. 75 tal-atti processwali.

Hu spjega li Manuel qallu 'Jien ma sawwatux' 'jien erfajt gebla u rgajt nizziltha' 'u hebb ghalija'. Qal li beda qisu jibki ghax beda jugghu ghonqu u kellu ghajnejn minnhom *blood shot.* Qal li Debattista kien qallu li l-appellant ghamel ghalih minhabba l-*bird caller*.

**Alexandra Rebecca Heidi Hancock**[41] xehdet nhar is-17 ta' Novembru, 2020, fejn spjegat illi nhar il-21 t' Ottubru xi 2.15 pm marret mixja bil-kelb mal-appellant f' Wied il-Mielah. Il-kelb kellu c-cinga imma tahseb li ra xi far u sparixxa u l-appellant mar il-fuq sabiex ifittxu. Hi ma setghetx tarahom, imbghad telghet il-fuq u rat lill-appellant jargumenta ma' Manuel Debattista li ndikat fl-awla. Tghid li cemplet il-pulizija ghax Debattista kien aggressiv, beda jgholli idejh u jaghmel il-ponn u ghalhekk kienet inkwetata. Rat lil Debattista imur fid-dura, u l-appellant jmur lura bil-mod. Meta mar lura Debattista qabad gebla kbira u beda jhedded lill-appellant biha. Hi bdiet tipprova tavvicinahom biex tara tistax tkun ta' ghajnuna. Debattista waddab il-gebla quddiem l-appellant, beda jgholli jdejh, jaghmel il-ponn u nfatti ta' zewg jew tlett daqqiet ta' ponn lill-appellant. Hi bdiet tghajjat sabiex jieqaf. L-appellant beda jipprova jmur lura imma Debattista beda jigih fin-nofs u ma setax jitlaq. Debattista prova jtih daqqa' ta' ponn ohra u l-appellant mexa lejn Debattista sabiex jitfghu mil-art. Dan tefghu mil-art u beda jzommu minn sidru mill-art u ghajjtilha ghall-ghajnuna u qalilha ghax Debattista beda jipprova jwegghu. Tghid li hi poggiet fuq saqajn Debattista, izda dan beda jirrezisti u hi bdiet tibza. Mbghad gie ragel bl-isem ta' Marcus u saqsihom kellhomx bzonn ghajnuna u din qaltlu iva u sabiex icempel lill-pulizija. Meta qalilhom biex ihallu lil Debattista, huma kienu ghadhom ma hallewhx ghax bdew jibzghu li jweggahom. Huma saqsewh biex ma jweggahomx jekk ihalluh jitlaq u hu qal iva u allura telquh. Qalet li Marcus kien cempel lil pulizija darbtejn u dawn damu xi ghoxrin minuta biex jigu.

Hi kkonfermat illi Debattista beda jfajjar id-daqqiet bil-ponn u laqat lill-appellant f'wiccu u weggghu. Ikkonfermat ukoll illi Debattista kellu arma fil-propjeta' tieghu.

[41] Fol. 40 tal-atti processwali.

Qalet ukoll li l-gebla li refa' Debattista kienet kbira bizzejjed biex twegga lil xi hadd serjament. Ikkonfermat illi kien Marcus l-ewwel persuna li tfacca wara l-incident u li l-appellant kien staqsih sabiex icempel lill-pulizija. L-appellant ma tahx daqqiet ta' ponn lura u tikkonferma illi l-appellant sempliciment razzan lil Debattista milli juza iktar forza fuqu. Mistoqsija jekk hi cemplitx lil pulizija minhabba l-*bird callers* u mhux l-incident, hi wiegebet illi jista' jkun semmietha tal-*bird callers* imma cemplet minhabba li Debattista kien aggressiv. Hi qalet li ma cemplitx lill-pulizija *fuq bird callers* ghax normalment huma ma jmorrux meta xi hadd icempel u jkun barrani u ghalhekk hi ma cemplitx minhabba *bird caller*. Ikkonfermat li qatt ma cemplet lill-pulizija minhabba xi *bird caller*. Hi sostniet illi cemplet ghax rat lil Debattista jgholli idejh u jaghti bil-ponn lejn l-appellant u kienet inkwetata ghal dan tal-ahhar. Rinfaccata mid-difiza illi fl-affidavit tal-pulizija hemm miktub li kienu rcievew telefonata minn vuci femminili fuq *bird callers* hi tghid li jista' jkun li kitbu hemm imma dik ma kienitx ir-raguni ghal x'hiex hi cemplet. Ikkonfermat li bdew jitkellmu ma Marcus fuq il-*bird callers* li qalilhom li dawn kienu legali. Hi qalet li meta halluh jitlaq Debattista mar fid-dura u hi ma tichadx li marret tittawwal hemm hekk. Madankollu, cahdet li gibditlu xi video. Stqarret illi minn fejn kienet setghet tara li kien hemm argument u setghet tisma' l-ghajjat imma ma setghetx tisma ezatt x'kienu qed jghidu. Rat li Debattista gabar gebla mill-art u tefaha fl-art quddiem l-appellant. Qabel l-incident tikkonferma li ma rathiex l-ixkubetta u kien biss wara l-incident li ratha. Spjegat illi hi ma ratx griehi fuq Debattista. Ikkonfermat li ghamlu madwar hames minuti fuq Debattista u hu beda jirrezisti u hi bdiet tibza li kien ser iweggahom. Mistoqsija jekk kienx hemm xi haga li waqfet lill-appellant sabiex jitlaq minn fuq il-post hi wiegbet li iva, Debattista jtih bil-ponn. Hi qalet li ma ratx lill-appellant jimbotta lil Debattista u li beda biss jevita d-daqqiet ta' ponn tieghu.

**<u>PC 1120 C. Cauchi</u>**[42] xehed permezz ta' affidavit fejn qal li nhar il-21 ta' Ottubru, 2020 hu kien duty l-ghassa tar-Rabat bhala *telephone orderly* u xi 3.30 pm cemplet mara sabiex tirraporta li gewwa Wied il-Mielah l-Ghasri kien hemm nassab li beda

[42] Fol. 54 tal-atti processwali.

jaghmel uzu mill-*bird callers* b'mod illegali. Ftit wara qal li kienet cemplet persuna ohra sabiex tirraporta glieda f' Wied il-Mielah bejn zewg persuni.

**<u>Jonathan Mizzi</u>**[43] xehed nhar is-6 ta' Jannar, 2021 fejn ipprezenta r-rapport tieghu fejn kien inkarigat li janalizza pendrive u johrog l-istills relatati mal-kaz.

F'dan ir-rapport hemm traskrizzjoni qasira ta x'intqal *a tempo vergine* meta x-xhud Marcus Camilleri wasal fuq il-post. Ix-xhud Marcus Camilleri beda jigbed il-filmat, l-appellant kien liebes flok blu u r-ragel li kien hemm mindud mal-art kien Manuel Billy Debattista. Din it-traskrizzjoni tipprovdi s-segwenti:

> *Ragel li kien qieghed jiehu l-filmat: Hares, he is saying li ser tivgah, so.*
>
> *Ragel liebes t-shirt blu: he is fine*
>
> *Ragel mindud mil-art: jinstema jiehu nifs.*
>
> *Ragel liebes t-shirt blu: don't you dare do anything, allright? Don't you dare, don't you dare.*
>
> *Mara: …*
>
> *Ragel li kienqed jiehu l-filmat: his, your face is blood…*
>
> *Ragel liebes t-shirt blu: … face he hit me around ten times and kicked me and I had to retaliate.*
>
> *Ragel li kien qed jiehu l-filmat: int ghamilt ghalih, vera?*
>
> *Ragel liebes t-shirt blu: tell him the truth.*

---

[43] Fol. 55 tal-atti processwali.

*Ragel mimdud mil-art: jinstema jiehu nifs qawwi.*

*Ragel liebes t-shirt blu: she saw it, anyway ask her.*

*Mara:* ***I have a video***

**Manwel Billy Debattista** [44] xehed nhar is-6 ta' Jannar, 2021 u spjega illi hu kien qed jonsob fid-dura fil-21 t' Ottubru, 2020. Sema lil xi hadd jghidlu li mhux suppost juza *bird caller* u hu qallu iva jista' juza minhabba l-*catching and release* u hu wiegbu li f' Malta u Ghawdex hadd ma jaghmel hekk. Qallu biex jitlaq il-barra ghax hemm hekk privat u l-appellant qallu li hemm hekk ma kienx privat. L-appellant dahallu fl-ghalqa taht id-dura. Hu beza u qabad gebla u resaq lejh u l-appellant imbuttah ghal darba darbtejn. Hu telaq il-gebla mal-art u stqarr li ma riedx iweggghu, imma riedu jitlaq il-barra minn hwejjgu. Qabdu jaghtu u minn fejn id-dura spiccaw kwazi fejn it-triq. Hu spicca fl-art u bdew izommuh l-appellant u l-mara tieghu u beda jhossu qed jifga. Meta gie Marcus qallu biex ihallih u hekk ghamel l-appellant. Qal li kien ghamel xi ghaxar minuti mal-art, bla nifs u allura x'hin qam hu mar fid-dura. Spjega li huma gidbu mal-pulizija li qalulhom li dan kollu nqala' minhabba l-kelb. Dan ma kienx veru ghax l-affari kienet minhabba l-*bird caller*. Hu qal li l-kelb kien qieghed fejn il-mara/partner tieghu fix-xifer ghax hu wahdu tela' fil-mansab. Spjega li wara li kienu telquh il-mara marret fid-dura tieghu bdiet tigbed xi ritratti u qaltlu li l-isponsun missu jhallih jtir u jsib ilma wahdu u mhux jtih hu.

In kontro-ezami jikkonferma li dakinhar tal-incident l-ewwel mar l-isptar u sussegwentament mar l-ghassa tal-pulizija jaghmel rapport. Hu kkonferma li lill-appellant tah zewg daqqiet ta' ponn u qal li hu beda jtih ukoll. Ikkonferma li l-argument beda hdejn id-dura u spicca vicin it-triq fejn qal li hemm distanza ta' bejn wiehed u iehor ghaxar metri.

[44] Fol. 80 tal-atti processwali.

L-appellant **Steven Francis Haston**[45] xehed nhar it-3 ta' Marzu, 2021 fejn qal illi fil-21 t' Ottubru, 2021 hu kien qed jimxi bil-kelb tieghu u dan harablu. Hu mar ifittxu u kien hemm hafna storbju tal-*bird calling* u gie f'argument ma zaghzugh. Qal li dan iz-zaghzugh qabad gebla u waddabielu, imma fortunatament waqghet mal-art. Hu jghid li li kien diga ceda meta z-zaghzugh qabad il-gebla, qallu biex ipoggi l-gebla mal-art u beda jimxi 'l hinn minnu. Qal li kellu xkubetta fid-dura u kien vera aggressiv. Hu beda jipprova jimxi lejn it-triq, imma qabel beda jipprova jtih bil-ponn u laqtu darbtejn. Hu ma riedx jitlaq jigri ghax beda jibza li jattakah minn wara. Huma waqghu mal-art u rnexxielu jzommu. Hu beda jkellmu u beda jghidlu illi jekk jghidlu li ma kienx ser jattakah iktar, kien ihallih, sahansitra kien qal li kaccatur li kien ghaddej sabiex jghidlu biex jieqaf. Ikkonferma li kien qed ifittex lill-kelb u li ma kienx jaf li kienet propjeta' privata ghax ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li juri dan u li kieku kien jaf kien jitlaq.

In kontro-ezami jghid li ma kellux idea x'kien qed jaghmel iz-zaghzugh. Hu jghid li ma rax ix-xbieki imma jghid li ra l-ixkubetta sserrah mal-hajt tad-dura. Mistoqsi jikkonferma jekk hux minnu li Debattista beda jghidu biex jitlaq il-barra ghax hemm kienet propjeta' privata, hu wiegeb illi qallu sabiex imur lura lejn pajjizu u hu kien diga mixi 'l hemm. Qabel beda l-argument qal li l-kelb beda jigri fl-inhawi. Hu ikkonferma illi sakemm gew il-pulizija kellu konversazzjoni ma Marcus dwar l-illegalita' tal-*bird callers* fl-Ewropa. Hu qal li ma jaghmilx parti mill-*Bird Life* izda huwa minnu illi darba kien sab tajra protetta mejta u kien ghamel rapport lill-pulizija dwar dan. Hu jghid li hu *professional climber* u jaghti training fuq sports. Hu qal li prattika l-boxing meta kellu tmien snin u ftit wara. Hu qal li sentejn ilu ma kienx qed jipprattika izda muri zewg ritratti, l-ewwel wiehed hu bhala 'boxer' ikkonferma li dak kien hu hafna snin ilu.

[45] Fol. 93 tal-process.

Hu qal li fil-familja tieghu ghandu kaccaturi u nassaba u m'ghandux problema bihom. Muri kopji tal-blog tieghu, hu kkonferma li dak kien il-blog tieghu fejn kien hemm anke artiklu relatat mal-kacca.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[46]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda sucitati, tal-fatt jekk ghandhomx mis-sewwa jew humiex kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda ta' xhud hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jistipula li:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi*

[46] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et.,** deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

*oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[47] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".* Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din

[47] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.

l-eventwalita', din ix-xhieda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xhieda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[48] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[49] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

**F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.**

Il-Qorti f'dan il-kaz hija rinfaccjata b'verzjonijiet kunflingenti, dik esposta mill-prosekuzzjoni li tinsisti li l-akkuzat huwa hati tar-reati li huwa jinsab rinfaccat bihom

[48] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[49] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

u dik proposta mid-difiza fejn fost affarijiet ohrajn qed tghid illi l-appellant agixxa *in self-defence*. Din il-Qorti, wara li evalwat l-atti processwali kollha temmen illi xhieda tal-kwerelant Debattista hija aktar attendibbli u ghandha mis-sewwa u cioe' li l-appellant dahal fil-propjeta' tieghu biex jghidlu dwar il-*bird callers* u li wara li Debattista keccieh ghax qallu li dik kienet propjeta' privata, huwa baqa' hemm u sussegwentament zviluppa l-argument. Ix-xhud imparzjali Marcus Camilleri wkoll qal li l-koppja kienu tkellmu mieghu dwar il-*bird callers* u kien hu li gharrafhom li dawn kienu legali ghax huma kienu tal-fhema li dawn kienu llegali. Sahansitra meta dan gharrafhom li dak iz-zmien kien *catch and release*, hi qaltlu 'tghid mhux ha jitilquhom l-ghasafar!' Oltre minn hekk meta wara l-incident marret fid-dura ta' Debattista, hi qaltlu sabiex ihallih itir lill-isponsun u kien isib l-ilma wahdu. Dawn il-fatti, b'mod kumulittiv juru b'mod car illi l-appellant u martu ma tantx huma favur il-kacca u l-insib u dan ghal kuntrarju li xehed l-appellanti.

Il-Qorti evalwat ix-xhieda kollha b'reqqa u setghu jigu nnutati certu diskrepanzi fix-xhieda tal-appellant u martu Alexandra Hancock. Fir-rigward tat-telefonata li hija ghamlet lill-pulizija, din il-Qorti taghzel li temmen il-verzjoni li qalu l-pulizija u cioe' li din kienet cemplet fuq xi *bird callers* u mhux sabiex tirraporta l-aggressjoni ta' Debattista. Dan fid-dawl ta' kif xehed Marcus Camilleri bhala xhud imparzjali u kif dan qal ukoll li kellu konversazzjoni mal-koppja fuq il-*bird callers* u ghaliex dawn hasbu li kienu llegali. Hancock xehdet ukoll quddiem l-Ewwel Qorti illi hija ma kienitx hadet video lil Debattista, madankollu hija ma kienitx qed tghid il-verita' u dan ghaliex fir-rapport ta' Jonathan Mizzi irrizulta illi hija qalet b'mod car li kellha *video*. Ix-xhud Marcus Camilleri wkoll xehed illi raha tiehu video lil Debattista u lid-dura tieghu u sahansitra kien qal lill-appellant sabiex iwaqqafa ghax dan ma kienx sew. Hija tenniet ukoll quddiem l-Ewwel Qorti li bdiet tibza minn Debattista qabel telquh, madankollu rrizulta li gibditlu dan il-video. Din il-Qorti hi tal-fhema illi min ikun qed jibza minn persuna, ma jmurx jigri warajha, jigbdilha video u jidhol warajh fid-dura! Oltre minn hekk l-appellant qal li kien jipprattika l-*boxing* meta kien ghad kellu tmien snin, madankollu muri ritratt tieghu bhala boxer meta kien adult hu ma jichadx li dan

kien hu. Ghal dawn ir-ragunijet kollha din il-Qorti qeghda tichad ukoll it-tielet aggravju tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell tal-appellant *in parte* fir-rigward tat-tieni aggravju u tichdu ghall-kumplament tal-aggravji u ghalhekk bhala konsegwenza filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata li biha l-appellant instab mhux hati ghat-tieni  akkuza, thassar u tirrevoka l-istess fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza u tilliberah minnha wkoll, filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tal-tal-ewwel u r-raba' akkuzi u ghalhekk qeghda timmodifika l-piena inflitta billi qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien  sena mill-lum.

Il-Qorti qeghda wkoll ai termini tal-Artikolu 383 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi ghas-sigurta' ta' Manwel Billy Debattista u ghaldaqstant qed tpoggi lill-appellant taht obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu massimu ta' sena taht penali ta' elfejn ewro (€2,000) fin-nuqqas.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur